All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any Enforcement Personnel on site.

Chart Affected: BA 177

22nd December, 2023

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 42 of 2023

Kalkara Marina starboard hand light buoy - Destroyed

Reference is made to BA Charts 177 – Valletta Harbours

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Kalkara Marina starboard hand light buoy in position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 53'.452	014° 31'.319

Li tteptep aħdar kull 5 sekondi, ġiet Distrutta.

It-22 ta' Diċembru, 2023

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Tuturi tar-Reading Recovery (part-time) mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Numru tal-Permess tal-Jobsplus 953/2023

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Tuturi tar-Reading Recovery (part-time).

L-applikanti għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibilità sad-data tal-għeluq:

1. Baċellerat f'Livell 6 tal-MQF, jew ogħla, li jwassal għal kwalifika tal-professjoni ta' għalliem, flimkien mal-Warrant ta' Għalliem (mhux temporanju); U

2. Ċertifikat ta' Reading Recovery Teacher, jew ogħla; U

3. Tal-anqas tliet snin skolastiċi esperjenza fi skejjel Maltin bħala għalliem/a tar-Reading Recovery wara t-tlestija b'suċċess tat-taħriġ tal-għalliema tar-Reading Recovery.

Il-kandidati magħżula mistennija jagħtu kuljum minn siegħa sa sagħtejn tagħlim tar-Reading Recovery qabel u/jew wara l-ħin tal-iskola.

Min jixtieq aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, jista' jfittex l-informazzjoni minn (https://educationservices.gov.mt/nla) jew jibgħat ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew iċempel fuq 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra ta' applikazzjoni flimkien mal-ġabra tal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta lil: Reklutaġġ, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 5 ta' Jannar, 2024, f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien tlett ijiem ta' xogħol. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-22 ta' Diċembru, 2023

Flashing green every 5 seconds, has been Destroyed.

22nd December, 2023

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Reading Recovery Tutors (part-time) within the National Literacy Agency

Jobsplus Permit Number 953/2023

The National Literacy Agency is seeking to recruit Reading Recovery Tutors (part-time).

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. A teaching degree at MQF Level 6, or higher, together with the Teacher's Warrant (not temporary); AND

2. Reading Recovery teacher's certificate, or higher; AND

3. At least three scholastic years' experience delivering Reading Recovery sessions in Maltese schools following the successful completion of the Reading Recovery Teachers' Training.

Successful candidates are expected to work daily between the minimum of 1 hour and the maximum of 2 hours teaching time before and/or after school hours.

A detailed job description, including conditions of employment, can be obtained from (https://educationservices.gov.mt/nla) or via an email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or call 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by registered post to Recruitment, National Literacy Agency, NCC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Friday, 5th January, 2024, at noon.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged within three working days. Late applications will not be considered.

22nd December, 2023

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Technical Services Officer – ICT Services Management

Permess tal-Jobsplus 225/2016

Opportunità fl-ICT biex taħdem f'Data Centre State of the Art

Inħolqot opportunità għal Technical Services Officers biex jipprovdu l-ewwel linja ta' appoġġ tekniku f'ambjent li joffri sfida, iżda fl-istess waqt jagħti sodisfazzjon.

MITA tilqa' kandidati li għandhom għarfien f'diversi oqsma tal-ICT bħal Local Area Networks, Operating Systems u Desktop Technology flimkien mal-abbiltà li jintegraw mal-klijenti tal-MITA.

Dawn il-pożizzjonijiet jipprovdu bażi fundamentali eċċellenti għal karriera b'saħħitha fl-ICT mal-MITA, li jinkludu taħriġ professjonali relatat maċ-ċertifikazzjoni industrijali. MITA tiggarantixxi ambjent tax-xogħol sabiħ u professjonali fejn l-isforzi tal-impjegati jiġu rikonoxxuti. Barra mill-pakkett tajjeb ta' remunerazzjoni, dawn il-pożizzjonijiet joffru numru ta' perkaċċi, intenzjonati biex jipprovdu esperjenza tax-xogħol pożittiva u li jieħdu pjaċir biha l-impjegati, li jinkludu politiki favur il-familja intenzjonati biex jistabbilixxu bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja.

Il-kandidati magħżulin jiġu impjegati fuq terminu ta' kuntratt indefinit.

Rekwiżiti ta' Eliġibbiltà

Waħda milli ġejjin f'qasam tal-ICT:

i) Kwalifika f'Livell 5 tal-MQF jew ogħla; JEW
ii) Kwalifika f'qasam relatat (Livell 4 tal-MQF) u sena (1) esperjenza f'qasam relatat; JEW
iii) Sentejn (2) esperjenza f'qasam relatat

Il-kandidati jistgħu jiġu offruti l-pożizzjoni bħala Livell Assoċjat – Livell tal-Karriera 2; jew il-Livell Standard – Livell tal-Karriera 3, skont il-livell ta' kompetenza.

Gradwati ġodda jistgħu jiġu offruti opportunità ta' impjieg suġġetta għall-għoti ta' riżultati finali. Se jiġi pprovdut taħriġ.

CV dettaljata flimkien ma' ittra elettronika ta' akkumpanjament għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-Ħamis, 28 ta' Diċembru, 2023, lil (careers.mita@gov.mt).

It-22 ta' Diċembru, 2023

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

Technical Services Officer – ICT Services Management

Jobsplus Permit 225/2016

An ICT Opportunity to work in a State of the Art Data Centre

An opportunity has arisen for Technical Services Officers to provide first line technical support in a challenging and rewarding environment.

MITA welcomes candidates having knowledge in various ICT areas such as Local Area Networks, Operating Systems and Desktop Technology together with the ability to integrate with MITA's clients.

These positions provide an excellent fundamental basis for a solid career in ICT with MITA, including professional training in related Industry Certifications. MITA guarantees a professional and enjoyable work environment where employees' efforts are rewarded. Apart from a good remuneration package, these positions enjoy a number of perks intended to provide our employees with an enjoyable and positive work experience which includes a set of Family Friendly policies intended to establish the right work-life balance.

Successful candidates will be employed on an indefinite term contract.

Eligibility Requirements

One of the following in an ICT area:

i) A qualification at MQF Level 5 or higher; OR
ii) A qualification in a related area (MQF Level 4) and one (1) year experience in a related area; OR
iii) Two (2) years' experience in a related area

Candidates may be offered the position as an Associate Level – Career Level 2; or the Standard Level – Career Level 3, depending on competency level.

Fresh graduates may be offered an employment opportunity subject to the provision of final results. Training will be provided.

A detailed CV together with a covering email are to be submitted by not later than Thursday, 28th December, 2023, to (careers.mita@gov.mt).

22nd December, 2023

SERVIZZI EWROPEJ F'MALTA

Pożizzjoni ta' Manager ma' Servizzi Ewropej f'Malta

Permess tal-Jobsplus: 956/2023

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Manager.

1. Termini u Kundizzjonijiet

Dan il-post se jimtela fuq bażi full-time. Il-persuna magħżula, għall-perjodu li matulu tkun qed taqdi dawn id-dmirijiet, taqa' taħt Kap ta' Taqsima.

Il-pożizzjoni ta' Manager hija fuq bażi indefinita u suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

Is-salarju bażiku għal din il-pożizzjoni jkun ekwivalenti għal Grad 4 tal-Istruttura tal-Gradi u s-Salarji 2020-2023 ta' SEM, li fl-2023 huwa ta' €27,429. Flimkien mas-salarju bażiku, il-Manager ikun intitolat għal:

Bonus għall-prestazzjoni sa 10% tas-salarju bażiku,

Disturbance allowance sa 15% tas-salarju bażiku, u

Allowance ta' komunikazzjoni ta' €1,600 fis-sena.

2. Dmirijiet

Id-dmirijiet ewlenin ta' Manager jinkludu:

L-appoġġ lill-organizzazzjonijiet biex japplikaw u jimplimentaw proposti ta' proġetti taħt diversi programmi ta' finanzjament tal-UE;

Il-monitoraġġ tal-iżviluppi relatati kemm mal-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE kif ukoll mal-implimentazzjoni ta' proġetti finanzjati mill-UE;

Il-kontribut għall-iżvilupp tat-Taqsima tal-Project Support;

Il-kollaborazzjoni u l-gwida fi ħdan it-Taqsima tal-Project Support;

Jipprovdi appoġġ lill-Kap tat-Taqsima kif meħtieġ;

Il-kordinazzjoni u l-kollaborazzjoni ma' diversi partijiet ikkonċernati, bħall-awtoritajiet maniġerjali, l-entitajiet governattivi, l-istituzzjonijiet Ewropej, u partijiet interessati

SERVIZZI EWROPEJ F'MALTA

Position of Manager at Servizzi Ewropej f'Malta

Jobsplus Permit No: 956/2023

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

Servizzi Ewropej f'Malta invites applications for the position of Manager within Servizzi Ewropej f'Malta

1. Duration of Assignment and Conditions

This post will be filled on a full-time basis. The selected candidate shall, for the period during which one is performing such duties be accountable to the Head of Unit.

The position of Manager is on an indefinite basis and is subject to a probationary period of twelve (12) months.

The basic salary attached to this position, shall be equivalent to Grade 4 of the SEM Grading and Salary Structure 2020-2023, which in 2023 is €27,429. In addition to the basic salary, the Manager shall be entitled to:

A performance bonus of up to 10% of the basic salary,

A disturbance allowance of up to 15% of the basic salary, and

A communication allowance of €1,600 per annum.

2. Duties

The main duties of Manager shall include:

Support organisations to apply and implement project proposals under various EU funding programmes;

Monitor developments relating both to EU funding opportunities and the implementation of EU-funded projects;

Contribute towards the development of the Project Support Unit;

Collaborate and provide guidance within the Project Support Unit;

Provide support to the Head of Unit as appropriate;

Liaise and collaborate with various stakeholders, such as managing authorities, government entities, European institutions, and other stakeholders, regarding issues relating

oħra, rigward kwistjonijiet relatati mal-programmi ta' finanzjament tal-UE u l-implimentazzjoni ta' proġetti finanzjati mill-UE;

to the EU funding programmes and the implementation of EU-funded projects;

Il-kordinazzjoni ta' attivitajiet/inizjattivi ma' partijiet interessati biex jiġi żgurat l-approċċ koerenti u integrat;

Coordinate activities/initiatives with stakeholders stakeholders to ensure a coherent and integrated approach;

L-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' miżuri li jassiguraw l-għoti ta' servizzi ta' kwalità għolja;

Implement and monitor quality assurance measures to ensure the delivery of high-quality services;

Il-preparazzjoni u s-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal proġetti, rapporti, eċċ., kif meħtieġ;

Prepare and submit project applications, reports, etc., as appropriate;

It-tmexxija ta' avvenimenti bħal sessjonijiet ta' informazzjoni u taħriġ dwar suġġetti relatati mal-finanzjament tal-UE kif meħtieġ;

Lead events such as information and training sessions on topics related to EU funding as necessary;

L-immaniġġjar u l-kordinazzjoni ta' proġetti jew programmi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha u b'suċċess;

Manage and coordinate projects or programmes to ensure timely and successful implementation;

Iż-żamma ta' aġġornament mal-iżviluppi fl-oqsma speċifiċi ta' politika u l-kontribut għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki u r-regolamenti tal-UE;

Stay abreast of developments in the specific policy areas and contribute to the development and implementation of EU policies and regulations;

Il-promozzjoni tas-servizzi tal-Aġenzija u sejħiet ġodda ta' finanzjament fuq diversi mezzi tax-xandir fosthom it-televiżjoni, ir-radju u l-gazzetti;

Promote the Agency's services and new funding calls on various media channels such as television, radio and newspapers;

Il-kontribut għall-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' komunikazzjoni rilevanti fil-qasam tal-fondi tal-UE;

Contribute towards the implementation of relevant communication strategies in the field of EU funds;

L-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni f'laqgħat, taħriġ, konferenzi, eċċ., kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta kif meħtieġ;

Organise and participate in meetings, training, conferences, etc., both locally and abroad as necessary;

L-implimentazzjoni ta' pjanijiet strateġiċi u l-kontribut għall-formulazzjoni ta' politiki u proċeduri f'konformità mal-missjoni u l-oġġettivi ta' Servizzi Ewropej f'Malta;

Implement strategic plans and contribute to the formulation of policies and procedures in line with Servizzi Ewropej Malta's mission and objectives;

L-appoġġ lill-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati biex japplikaw u jimplimentaw proposti ta' proġetti taħt diversi programmi ta' finanzjament tal-UE;

Support public and private organisations to apply and implement project proposals under various EU funding programmes;

Il-monitoraġġ tal-iżviluppi relatati kemm mal-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE kif ukoll mal-implimentazzjoni ta' proġetti finanzjati mill-UE;

Monitor developments relating both to EU funding opportunities and the implementation of EU-funded projects;

Il-kordinazzjoni u l-kollaborazzjoni ma' diversi partijiet konċernati, bħall-awtoritajiet maniġerjali, l-entitajiet governattivi, l-istituzzjonijiet Ewropej, u partijiet interessati oħra, rigward kwistjonijiet relatati mal-programmi ta' finanzjament tal-UE u l-implimentazzjoni ta' proġetti finanzjati mill-UE;

Liaise and collaborate with various stakeholders, such as managing authorities, government entities, European Institutions, and other stakeholders, regarding issues relating to the EU funding programmes and the implementation of EU-funded projects;

Il-kordinazzjoni ta' attivitajiet ma' dipartimenti jew taqsimiet oħra fi ħdan Servizzi Ewropej f'Malta jew permezz ma' partijiet interessati oħra biex jiġi żgurat approċ koerenti u integrat;

L-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' miżuri li jassiguraw servizzi ta' kwalità għolja;

It-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti dwar attivitajiet, kisbiet, u sfidi sabiex tinżamm dokumentazzjoni preċiża u komprensiva tal-proċessi u d-deċiżjonijiet rilevanti;

It-tmexxija ta' avvenimenti bħal sessjonijiet ta' informazzjoni u taħriġ dwar suġġetti relatati mal-finanzjament tal-UE, bħall-iżvilupp u l-kitba ta' proġett kif ukoll il-fażi tal-implimentazzjoni ta' proġett;

L-immaniġġjar u l-kordinazzjoni ta' kwalunkwe proġett jew programm assenjat biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha u b'suċċess, bil-monitoraġġ tal-baġits, ir-riżorsi u l-iskedi ta' żmien biex jintlaħqu l-għanijiet tal-proġett;

L-aġġornament mal-iżviluppi fl-oqsma speċifiċi ta' politika tal-UE u l-kontribut għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki u r-regolamenti tal-UE;

Il-promozzjoni tas-servizzi tal-Aġenzija u ta' sejħiet ġodda ta' finanzjament fuq diversi mezzi tax-xandir bħat-televiżjoni, ir-radju u l-gazzetti;

L-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' komunikazzjoni biex titwassal b'mod effettiv l-informazzjoni dwar inizjattivi u politiki ta' Servizzi Ewropej f'Malta sabiex jitwieġbu rikjesti għall-informazzjoni u rikjesti oħra mill-pubbliku, mill-midja, u minn partijiet interessati oħra;

L-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni f'laqgħat, taħriġ, konferenzi, eċċ., kemm lokalment u kemm barra l-pajjiż kif meħtieġ;

It-twettiq ta' dmirijiet oħra kif determinat minn żmien għal żmien mill-Kap Eżekuttiv jew id-delegati tagħhom.

3. Kriterji ta' Eliġibbiltà

3.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i) a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

Coordinate activities with other departments or units within Servizzi Ewropej F'Malta or through other stakeholders to ensure a coherent and integrated approach;

Implement and monitor quality assurance measures to ensure the delivery of high-quality services;

Prepare and submit reports on activities, achievements, and challenges in order to maintain accurate and comprehensive documentation of relevant processes and decisions;

Lead events such as information and training sessions on topics related to EU funding, such as the project development and writing stage as well as the project implementation phase;

Manage and coordinate any assigned projects or programmes to ensure timely and successful implementation whilst monitoring budgets, resources, and timelines to achieve project goals;

Stay abreast of developments in the specific policy areas and contribute to the development and implementation of EU policies and regulations;

Promote the Agency's services and new funding calls on various media channels such as television, radio and newspapers;

Implement communication strategies to effectively convey information about Servizzi Ewropej f'Malta initiatives and policies in order to respond to inquiries from the public, media, and other stakeholders;

Organise and participate in meetings, training, conferences, etc., both locally and abroad as necessary;

Carry out other duties as may be determined from time to time by the CEO or their delegates.

3. Eligible Criteria

3.1 By the closing date of submission of the application, applicants must fulfil ALL the following conditions:

i) a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li tkun tapplika f'dak il-pajjiż l-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolament 18(3) tal-istess Regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii) (a) ikollhom Master degree rikonoxxuta f'Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) f'oqsma rilevanti.

*Kwalifika rikonoxxuta ta' Master b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss jekk tkun iċċertifikata bi stqarrija formali mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) ta' rikonoxximent ta' Master formali tal-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni. Kwalifika ta' Master rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVET.

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. Third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18 (3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii) (a) in possession of a recognised Master degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in relevant areas.

*A recognised Master qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to an MQRIC formal Master recognition statement being submitted with the application. A recognised Master qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC that the workload is comparable to at least 60 ECTS/ECVET credits.

U

ii) ikollhom għarfien għoli fl-Ingliż u l-Malti (livell C1 fid-dimensjonijiet kollha skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi jew CEFRL).

3.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għall-finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment xi waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jippreżentaw evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni sad-data tal-għeluq tas-sejħa.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(iv) L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtoritajiet maħtura oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet elenkati taħt it-Taqsima 7.

4. Proċeduri tal-Għażla

4.1 Il-kandidati eliġibbli jiġu mistiedna għal intervista mill-bord tal-għażla biex jiġi determinat jekk humiex adatti biex iwettqu d-dmirijiet relatati ma' din il-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija ta' 100% u l-marka minima hija ta' 50%.

5 Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

5.1 Curriculum vitae dettaljat li jinkludi lista ta' kwalifiki li għandu l-applikant li juri b'mod ċar il-post li qed japplika għalih;

U

5.2 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom ikunu sostnuti b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopji tagħhom għandhom jiġu skennjati u mibgħuta mal-curriculum vitae fl-istadju tal-applikazzjoni.

5.3 Ċertifikat ta' kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux qabel xahar (1) mid-data tal-applikazzjoni.

AND

ii) Possess thorough knowledge in English and Maltese (level C1 in all dimensions as per the Common European Framework of Reference for Languages or CEFRL).

3.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question by the date of the closure of the call.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

(iv) Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications listed under Section 7.

4. Selection Procedures

4.1. Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

5. Submission of Supporting Documentation

5.1 A detailed curriculum vitae including a list of qualifications held by the applicant clearly highlighting the post being applied to;

AND

5.2 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent with the curriculum vitae at application stage.

5.3 Produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application.

5.4 Iċ-ċertifikati oriġinali u/jew it-testimonjanzi għandhom dejjem jintwerew għall-verifika waqt l-intervista.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu indirizzati lill-Kap Eżekuttiv u jistgħu jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (recruitment.sem@gov.mt), jew bil-posta, jew jitwasslu fl-uffiċċju ta' SEM f'280, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta VLT 1112, f'envelop magħluq sa mhux aktar tard minn nofsinhar (CET) ta' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Jannar, 2024.

Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien ħamest (5) ijiem ta' xogħol mid-data tal-wasla tal-applikazzjonijiet.

Fin-nuqqas ta' rċevuta fi żmien ħamest (5t) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet, huma l-applikanti konċernati li għandhom jikkonfermaw mal-entità jekk l-applikazzjoni waslitx sad-data tal-għeluq.

Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq ma jiġux aċċettati jew rikonoxxuti.

6. Informazzjoni Addizzjonali

6.1. Bdil raġonevoli għall-persuni b'diżabbiltà rreġistrati.

Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà jistgħu jiġu akkomodati bi qbil raġonevoli skont Sezzjoni 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabbiltà), (Kap. 413 tal-Liġijiet ta' Malta), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għalkollox ir-rekwiżiti għal din il-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet għandhom isiru skont il-formola speċifika li tinsab fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Persuni u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Documents/People-Resourcing-Compliance/Forms-Templates/Other-templates/KNPD-Reasonable-Accomodation-for-Registered-Persons-With-Disability.docx) (People Resourcing and Compliance – forms and templates), li għandha tiġi mehmuża mal-formola tal-applikazzjoni u għandha tkun imsaħħa b'dokumentazzjoni rilevanti li tinkludi evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati għaliex ir-rekwiżiti kollha tal-eliġibbiltà mhux qegħdin jiġu sodisfatti u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet raġunati. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-dipartiment/direttorat/diviżjoni riċeventi.

6.2 Sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki

5.4 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Applications are to be addressed to the CEO and may be sent via email on (recruitment.sem@gov.mt), or by post, or delivered to SEM office at 280, Triq ir-Repubblika, Valletta VLT 1112 in a sealed envelope by not later than noon (CET) of Friday, 12th January, 2024.

Applications will be acknowledged in writing within five (5) working days from date of receipt.

In the absence of an acknowledgment within five (5) working days from the closing date of applications, it is the responsibility of applicants concerned to confirm with the receiving entity whether the application was received by the closing date.

Applications which are received after closing date and time are not accepted or acknowledged.

6. Additional Information

6.1 Reasonable accommodation for registered persons with disability

Persons registered with the Commission for the Rights of Persons with Disability (CRPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Chapter 413 of the Laws of Malta), even if they do not satisfy, in full, the requirements for this post/position, provided they can carry out, in essence, the duties related to the post/position and subject to the approval of the Public Service Commission.

Requests for reasonable accommodation are to be made through the specific form available on the People and Standards Division website at the address (https://publicservice.gov.mt/en/people/Documents/People-Resourcing-Compliance/Forms-Templates/Other-templates/KNPD-Reasonable-Accomodation-for-registered-Persons-With-Disability.docx) (People Resourcing & Compliance – forms and templates), which should be attached to the application form and supported with relevant documentation including documentary evidence of registration with the Commission for the Rights of Persons with Disability (CRPD). Reasoned justification should be given why full eligibility requirements are not being met and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to Servizz Ewropej f'Malta.

6.2 Submission of recognition statements in respect of qualifications

a) B'eċċezzjoni għal dawk il-kwalifiki msemmija fil-paragrafu 6.2b u 6.2c hawn isfel, l-applikanti għandhom jipproduċu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki u tal-Informazzjoni (MQRIC) fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla u Avvanzata (NCFHE), li għandha tinkiseb permezz ta' applikazzjoni online minn (https://services.ncfhe.gov.mt/CertificationApplication.aspx). Din id-dikjarazzjoni għandha tinhemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

b) Qabel ma jintalbu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki skont paragrafu 3, il-kandidati huma mitluba l-ewwel jikkonsultaw il-'Lista ta' Korsijiet Akkreditati Offruti minn Istituzzjonijiet Liċenzjati' tal-NCFHE li tista' tinkiseb minn (http://ncfhe.gov.mt/en/register/Pages/register.aspx). L-applikanti huma eżentati milli jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent hekk kif imsemmi f'paragrafu 6.2 jekk qegħdin jippreżentaw kwalifiki mniżżla f'din il-lista. Il-kandidati għandhom jippreżentaw kopja stampata ta' din il-lista li tinkludi l-kwalifika meħtieġa.

c) Mhumiex meħtieġa dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximenti mill-MQRIC għall-kwalifiki maħruġa minn istituzzjonijiet Maltin li huma self-accrediting, jiġifieri mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti għall-Arti, x-Xjenza u t-Teknoloġija (MCAST) u l-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS); jew kwalunkwe kwalifika Maltija li ġiet akkreditata mill-NCFHE, li fuq iċ-ċertifikat jingħad 'Il-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Ogħla u Avvanzata jidhrilha li dan iċ-ċertifikat huwa ta' MQF'.

d) Fejn jikkonċerna l-kwalifiki l-oħrajn kollha li ma jaqgħux taħt paragrafu 6.2b u 6.2c, l-applikanti huma meħtieġa jissottomettu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent kif spjegat f'paragrafu 6.2a.

6.3 Sottomissjoni ta' rappreżentazzjonijiet dwar ineliġibbiltà, pubblikazzjoni tar-riżultat u sottomissjoni ta' oġġezzjonijiet dwar ir-riżultat

a) Sottomissjoni ta' rappreżentazzjonijiet dwar ineliġibbiltà, pubblikazzjoni tar-riżultat u sottomissjoni ta' oġġezzjonijiet dwar ir-riżultat jistgħu jsiru mill-kandidati lis-Segretarju Permanenti, Fondi Ewropej, Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet, Tal-Pilar, 31B, Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta, jew permezz ta' ittra elettronika lil (permsec.eufunds@gov.mt). Dawn ir-rappreżentazzjonijiet bil-miktub, għandhom jiġu ppreżentati fi żmien ħamest (5t) ijiem ta' xogħol mid-data li fiha l-kandidat jiġi infurmat mill-bord tal-għażla li mhuwiex eliġibbli.

b) Ir-riżultati jiġu ppubblikati u esibiti fuq in-notice board ta' Servizzi Ewropej f'Malta. Barra minn hekk, notifika tal-

a) With the exception of those qualifications referred to in paragraphs 6.2 b and 6.2 c hereunder, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the National Commission for Further and Higher Education (NCFHE), which is to be obtained by submitting an online 'Application for the Recognition of Qualifications' at (https://services.ncfhe.gov.mt/CertificationApplication.aspx). Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

b)Prior to requesting recognition statements as per paragraph 3 above in respect of their qualifications, candidates should first consult the 'List of Accredited Courses Offered by Licensed Institutions' of the NCFHE which can be accessed on (http://ncfhe.gov.mt/en/register/Pages/register.aspx). Applicants are exempt from submitting a recognition statement as mentioned in paragraph 6.2a if they are presenting qualifications listed therein. A print of such list including the qualification is to be presented by the applicant.

c) No recognition statement by MQRIC is required in respect of qualifications issued by Maltese self-accrediting institutions, these being the University of Malta, MCAST and ITS; or any Maltese qualification that has been accredited by the NCFHE, which on the certificates states: 'The National Commission for Further and Higher Education deems this certificate to be MQF '.

d) In the case of qualifications not covered by 6.2b and 6.2c, applicants are to submit the recognition statement as described in paragraph 6.2a.

6.3 Submission of representations regarding ineligibility, publication of result and submission of petitions relating to the result

a) Representations on issues of ineligibility may be made by candidates to the Permanent Secretary, EU Funds, Ministry for the Economy, European Funds and Lands, Tal-Pilar, 31B, Triq Marsamxett, Valletta, or through electronic mail to (permsec.eufunds@gov.mt). Such representations, in writing, are to be submitted within 5 working days from the date on which the candidate is informed by the selection board that s/he is not eligible.

b) The results will be published and exhibited on the notice board of Servizzi Ewropej f'Malta. Furthermore, a

ħruġ tar-riżultat tintbagħat permezz ta' ittra elettronika fl-indirizz elettroniku tal-kandidati.

c) Oġġezzjonijiet għar-riżultat għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Permanenti, Fondi Ewropej, Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet, Tal-Pilar, 31B, Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta, jew permezz ta' ittra elettronika lil (permsec.eufunds@gov.mt). L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data li fiha n-notifika tkun ġiet ippubblikata fuq in-notice board. Il-kandidati huma avżati biex jiċċekkjaw regolarment l-ittri elettroniċi tagħhom sabiex ikunu jafu bil-pubblikazzjoni tar-riżultat.

6.4 Informazzjoni Oħra

Servizzi Ewropej f'Malta hija impjegatur ta' opportunitajiet indaqs kif iċċertifikat mill-NCPE (Kummissjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Ugwaljanza) u hija impenjata li tħaddem politika ta' opportunitajiet indaqs fl-aspetti kollha tal-impjieg u se tieħu ħsieb li tevita kull forma ta' diskriminazzjoni fil-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha.

Il-kandidati m'għandhomx jersqu, direttament jew indirettament, lejn il-bord tal-għażla taħt l-ebda ċirkostanza fir-rigward ta' dan il-proċess ta' reklutaġġ. Il-bord tal-għażla jżomm id-dritt li jiskwalifika kull kandidat li ma jagħtix kas din l-istruzzjoni.

Servizzi Ewropej f'Malta tiżgura li kwalunkwe proċessar ta' data personali jkun skont ir-Regolament (UE) 2016/679 (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-data), l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kapitolu 586 tal-Liġijiet ta' Malta) u kwalunkwe liġi rilevanti oħra tal-Unjoni Ewropea u nazzjonali.

Il-kandidati għandhom jinnutaw li s-sottomissjoni ta' kwalunkwe dikjarazzjoni jew ommissjoni falza, anke jekk mhux intenzjonata, tista' twassal għat-tħassir tal-applikazzjoni tagħhom u tista' tirrendi l-ħatra tal-kandidat suġġetta għat-terminazzjoni.

Servizzi Ewropej f'Malta tirriżerva d-dritt li tirtira din is-sejħa fi kwalunkwe ħin u li ma tagħżel l-ebda wieħed mill-kandidati.

6.5 Żamma ta' Dokumenti

L-applikazzjonijiet jinżammu skont iż-żmien stipulat skont ir-Retention Policy ta' Servizzi Ewropej f'Malta.

notification of the issue of the result will be sent by email to candidates' electronic address.

c) Petitions objecting to the result are to be submitted to the Permanent Secretary, EU Funds, Ministry for the Economy, European Funds and Lands Tal-Pilar, 31B, Triq Marsamxett, Valletta, or through electronic mail to (permsec.eufunds@gov.mt). Petitions are to reach the Commission within ten (10) working days from the date on which the notification has been published on the noticeboard. Candidates are advised to regularly check their emails in order to be aware of the publication of the result.

6.4 Other Information

Servizzi Ewropej f'Malta is an Equal Opportunities Employer as certified by the NCPE (National Commission for the Protection of Equality) and is committed to a policy of equal opportunity in all aspects of employment and will take care to avoid any form of discrimination in its recruitment procedures.

Candidates should not approach, directly or indirectly, the selection board under any circumstances in relation to this recruitment process. The selection board reserves the right to disqualify any candidate who disregards this instruction.

Servizzi Ewropej f'Malta shall ensure that any processing of personal data is in accordance with Regulation (EU) 2016/679 (General Data Protection Regulation), the Data Protection Act (Chapter 586 of the Laws of Malta) and any other relevant European Union and national law.

Candidates are to note that the submission of any false statement/s or omission, even if unintended, may lead to the cancellation of their application and may render the candidate's appointment liable to termination.

Servizzi Ewropej f'Malta reserves the right to withdraw this call at any time and not to select any of the candidates.

6.5 Retention of Documents

Applications will be retained in line with the stipulated timeframe in the Retention Policy of Servizzi Ewropej f'Malta.

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET

AVVIŻ

Business Enhance Grant Schemes

ERDF Grant Schemes 2021-2027

SME Enhance (de minimis)
Business Reports for SMEs

